MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta tal-25 ta' Awwissu, 2008

Numru 136/2007

**Il-Pulizija**

**v.**

**Ernest Muscat**

**Il-Qorti**:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva b’att ta’ citazzjoni kontra Ernest Muscat, bin Emmanuel u Nazzarena nee Mugliette, imwieled fit-20 ta’ Awissu 1967, u detentur tal-Karta ta’ l-Identita` nru 531761(M), talli fit-22 ta’ Ottubru 2006 ghall-habta tat-3.00 ta’ wara nofs in-nhar, fl-inhawi ta’ San Dimitri, Gharb, Ghawdex – (1) ha jew ipprova jiehu, ikkaccja jew ipprova jikkaccja ghal xi ghasfur meta kien fil-pussess ta’ mezz elettriku jew elettroniku ghal uzu ta’ tisfir ta’ ghasafar registrati (*pre-recorded bird caller*) (Reg. 7(1)(d), 7(2), A.L. 79/2006); u aktar (2) talli kkaccja jew ipprova jikkaccja, ha jew ipprova jiehu xi ghasfur (Melvizz) liema ghasfur kien protett taht ir-regolamenti jekk mhux skond l-istess regolamenti u skond

dawk il-kundizzjonijiet ta’ kull licenzja li tinghata tahtha (Reg. 4(a), A.L. 79/2006, Reg. 3(c), A.L. 187/2006);

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) tas-6 ta’ Marzu 2007, li permezz taghha dik il-qorti sabet lill-imsemmi Ernest Muscat mhux hati skond l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u ghalhekk illiberatu minn kull imputazzjoni, htija w piena;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-Avukat Generali, minnu pprezentat fit-3 ta’ April 2007, li permezz tieghu talab ir-revoka ta’ l-imsemmija sentenza u li konsegwentement din il-Qorti ssib lill-imsemmi Muscat hati skond l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu u tinfliggi l-piena skond il-ligi;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet; ikkunsidrat:

L-appellant Avukat Generali jikkontendi li l-ewwel qorti ghamlet apprezzament manifestament hazin tal-provi u li kien ghalhekk li llberat lill-appellat Muscat. Dn il-Qorti, wara li regghet semghet il-provi kollha, ma tistax hlief taqbel ma’ l-Avukat Generali. Id-deposizzjoni cara u preciza ta’ P.S. 1424 Mario Sciberras, korroborata bl-affidavit ta’ P.C. 1506 Louis Calleja, ma tista’ thalli ebda dubju li l-appellat kien, fil-mument meta avvicinawh il-pulizija, qed jipprova jonsob ukoll ghall-imlivezz bl-uzu ta’ *pre-recorded bird caller*, u ghalhekk bi ksur tar-Regolament 7(1)(d) ta’ l-A.L. 79 ta’ l-2006. Il-fatt li dak il-hin l-apparat in kwistjoni kien mitfi (ghalkemm issettjat proprju fuq it-tisfira tal-melvizz) ma jfissirx li l-appellat ma kienx fuq il-post ghall-insib ta’ dan it-tip ta’ ghasfur – ghasfur li dak iz-zmien (ghax in segwitu l-ligi nbidlet) wiehed ma setax jonsob ghalih. Ghall-kuntrarju, il-fatt li l-appellat kellu zewgt imlivezz fil-gabjetti u kellu anke x’xbieki lesti (ghalkemm dak il-hin li waslu l-pulizija l-ghasafar li kien hemm fil-gabjetti vicin ix-xbieki bhala *decoys* kienu ghasafar ta’ speci ohra), maghdud il-kliem li huwa qal lis-Surgent Sciberras – “dan il-*bird caller* qieghed hawn biex forsi naqbad xi melvizz” – ma jistghu jhallu ebda dubju dwar x’kien qed jaghmel l-appellat fil-

gurnata u fil-hin indikati fic-citazzjoni. Kif gie ritenut diversi drabi minn din il-Qorti, l-espressjoni “tipprova tiehu” fil-kuntest tar-regolamenti dwar il-kacca u l-insib, ma tirreferix ghan-nozzjoni tat-tentattiv fil-Kodici Krminali. Huwa bizzejjed biex persuna tkun qed “tipprova tiehu” ghasfur li hija jkollha lest l-apparat mehtieg u tkun qed tistenna biex, appena jitfacca l-ghasfur, dan ikun jista’ jigi attirat biex jinqabad bix-xbiek. Fi kliem iehor, anke jekk ma jitfacca ebda ghasfur papabbli ghan-nasba, izda jkun hemm apparat sufficjenti ghall-insib – f’dan il-kaz, ghall-insib ta’ speci partikolari ta’ ghasfur – dik il-persuna tkun qed “tipprova tiehu”. Issir referenza f’dan is-sens ghas-sentenzi ta’ din il-Qorti fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Joseph Vella**, 1/9/1995 u **Il-Pulizija v. Joseph Cini**, 15/7/2005. Ghalhekk l-appellat ser jigi dikjarat hati skond iz-zewg imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu.

Kwantu ghall-piena, din il-Qorti tinnota li l-ewwel qorti, fis-sentenza taghha, ordnat ir-rilaxx tad-Dokument EM4, cioe` l-apparat tal-*pre-recorded bird caller*. Bejn l-ewwel u tieni imputazzjoni hemm in-ness tal-mezz ghall-fini fis-sens ta’ l-Artikolu 17(h) tal-Kap. 9.

Ghall-motivi premessi din il-Qorti tilqa’ l-appell ta’ l-Avukat Generali, thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u, wara li rat ir-regolamenti 4(a), 7(1)(d) u 27(1)(a)(b)(c)(3)(a) tar-Reglamenti dwar il-Konservazzjoni ta’ l-Ghasafar Selvaggi (A.L. 79/2006) u l-Artikolu 17(h) tal-Kodici Kriminali, tiddikjara lill-appellat Ernest Muscat hati skond l-imputazzjonijiet kif dedotti kontra tieghu u tikkundannah multa ta’ erba’ mija u hamsa w sittin Ewro u sebgha u tmenin ewro centezmi (Euro 465.87), konvertibbli f’erbghin gurnata prigunerija f’kaz ta’ nuqqas ta’ pagament skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------